**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9426 — 3M Company/Acelity)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 308/06)

1. Fit-3 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— 3M Company ("3M", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Acelity, Inc. ("Acelity", l-Istati Uniti tal-Amerika).

3M takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Acelity kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— 3M hija kumpanija tat-teknoloġija diversifikata. Permezz tad-diviżjoni tagħha għall-kura tas-saħħa, 3M toffri firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet mediċi, inklużi faxex avvanzati għall-feriti,

— Acelity hija primajament attiva fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti avvanzati għall-kura tal-feriti, inkluż permezz tas-sussidjarji tagħha Kinetic Concepts, Inc., Systagenix Wound Management, Limited u Crawford Healthcare Limited.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9426 — 3M Company/Acelity

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").